**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Illum, it-Tnejn, 14 ta' Frar, 2022**

**Rikors Nru: 1211/2021**

**Wara l-mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-numru 1631/2021 fl-ismijiet:**

***Irakli Khorava***

***vs.***

***Johann Said u Blaugrana Ceramics Ltd***

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa digriet finali dwar talba mressqa minn Johann Said u Blaugrana Ceramics Limited sabiex jitneħħa l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1631/2021 għar-raġunijiet misjuba fl-**artikolu 836(1)(ċ), (d)** u/jew **(f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

***Daħla***

2. B'rikors imressaq fis-**7 ta' Diċembru, 2021**, Johann Said u Blaugrana Ceramics Limited fissru li huma ġew milquta b'mandat ta' sekwestru kawtelatorju

1631/2021 fuq talba ta' Irakli Khorava. Huma jallegaw li Irakli Khorava ma ġġustifikax is-somma ta' €230,283.12 għaliex: (i) dan l-ammont ma joħroġx minn kuntratt miktub; (ii) dan l-ammont ma ġiex imsaħħaħ bi prospett; (iii) dan l-ammont ma jaqbilx ma' talbiet preċedenti għall-ħlas li saru minn Irakli Khorava; u (iv) dan l-ammont ma ġiex imsemmi fir-rikors maħluf li ppreżenta Irakli Khorava;

3. Johann Said u Blaugrana Ceramics Limited jgħidu li anke jekk stess l-ammont kawtelat minn Irakli Khorava jitqies li huwa wieħed ġustifikat, xorta waħda l-mandat għandu jitneħħa minħabba li huma qegħdin jipprovdu garanzija alternattiva fis-sura ta' garanzija bankarja biex tagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet ta' Irakli Khorava;

4. Minħabba f'hekk, huma talbu lil din il-qorti sabiex:

> *«tħassar u tirrevoka l-mandat ta' sekwestru, in toto jew in parte, fl-ismijiet premessi a tenur tal-artikolu 836(1)(c), 836(1)(d) u/jew 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.»*

5. B'digriet tagħha tas-**<u>27 ta' Diċembru, 2021</u>**, il-qorti ordnat in-notifika lil Irakli Khorava, bi żmien sebat ijiem għan-nota bħala tweġiba;

6. Irakli Khorava ġie notifikat fis-**<u>17 ta' Jannar, 2022</u>** (ara paġna 53 ta' dawn l-atti) u hu għazel li ma jippreżenta l-ebda risposta;

7. Inżammet seduta fil-**<u>11 ta' Frar, 2022</u>** u dakinhar wara li l-qorti semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet, hija ħalliet ir-rikors sabiex jingħata d-digriet tal-lum;

***Fatti***

8. B'rikors maħluf numru 1081/2021CFS imressaq fit-2 ta' Novembru, 2021, Irakli Khorava fetaħ kawża kontra Blaugrana Ceramics Limited u Johann Said, fejn

talab lill-qorti sabiex huwa jiġi mħallas għad-danni kollha li jgħid li ġarrab minħabba l-fatt li huwa ġie mwaqqaf minn kuntratt ta' appalt. Id-danni mitluba minnu huma magħmula minn ħlas għal xogħol imwettaq u ħlas għal qligħ miltuf;

9. Dakinhar stess, fit-2 ta' Novembru, 2021, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet talba ta' Irakli Khorava sabiex jinħareġ mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1631/2021 kontra Johann Said u Blaugrana Ceramics Limited, fl-ammont ta' €230,283.12. Ir-raġuni għaliex intalab dan il-mandat ġie mfisser hekk:

> *«Parti minn somma akbar konsistenti f'danni mitluba permezz tal-kawża preżentata kontestwalment u li għal finijiet tal-preżenti mandat ta' sekwestru odjern qed jiġu limitati għal parti biss minn dawk id-danni li dina l-Onorabbli Qorti qed tiġi mitluba li tillikwida fil-kawża fl-ismijiet premessi li qed tiġi preżentata kontestwalment. Bir-riżerva ta' kull dritt spettanti lis-sekwestranti fir-rigward ta' kull ammont ieħor dovut mis-sekwestrati lis-sekwestranti. L-ammont mitlub huwa dovut bhala parti minn somma akbar mis-sekwestrati jew min minnhom lis-sekwestrant, konsistenti f'danni sofferti mis-sekwestrant konsegwenza tal-fatt illi s-sekwestrati jew minn minnhom aġixxew bi vjolazzjoni tal-obbligi kuntrattwali tagħhom emanenti minn kuntratt ta' appalt u/jew mit-terminiazzjoni bla raġuni valida tal-istess kuntratt t'appalt. Id-danni pretiżi jinkludu inter alia, pagamenti dovuti għal xogħlijiet ta' natura diversa kommissjonati mis-sekwestrati jew minn minnhom li diġà ġew eżegwiti mill-appaltatur sekwestrant li jisboq id-€90,283.12, u kif ukoll l-ammont ta' €140,000 sabiex is-sekwestrati parzjalment jekwiparaw lill-appaltatur sekwestrant għat-telf ta' profitti, oltre ħlas ta' spejjeż minħabba li l-appalt inħall mis-sekwestrati jew min minnhom mingħajr raġuni valida fil-liġi ai termini tal-artikolu 1640 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Dawn il-pretensjonijiet tressqu f'rikors ippreżentat kontestwalment ma' dan il-mandat kawtelatorju. B'riżerva għal danni ulterjuri oltre dawk diġà ndikati.»*

10. Fis-7 ta' Diċembru, 2021, Johann Said u Blaugrana Ceramics Limited ressqu dan ir-rikors, li qiegħed jiġi deċiż b'dan id-digriet, sabiex jitneħħa l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1631/2021;

11. Flimkien ma' dan ir-rikors, ġiet ippreżentata kopja ta' garanzija bankarja (ara paġna 50 ta' dawn l-atti) maħruġa mill-Bank of Valletta plc fuq talba ta' Blaugrana Ceramics Limited, fis-somma ta' €230,283.12 biex tagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet imsemmija minn Irakli Khorava fil-kawża li huwa fetaħ kontriha u kontra Johann Said;

***Konsiderazzjonijiet***

12. Skont il-liġi tagħna, mandat kawtelatorju jista' jiġi mħassar jekk jintwera li teżisti waħda mis-sitt ċirkostanzi msemmija fl-**artikolu 836(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

13. Fil-każ tagħna, Johann Said u Blaugrana Ceramics Limited isemmu tliet raġunijiet fir-rikors tagħhom għaliex il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1631/2021 jixraq li jiġi mħassar u dawn jorbtuhom maċ-ċirkostanzi misjuba fl-**artikolu 836(1)(c), (d)** u **(f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

14. L-**<u>ewwel raġuni</u>** mressqa minn Johann Said u Blaugrana Ceramics Limited biex jitħassar il-mandat hija marbuta mal-**artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta,** li jgħid li mandat jista' jitneħħa jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx *prima facie* ġustifikat jew inkella jkun wieħed eċċessiv;

15. Johann Said u Blaugrana Ceramics Limited jibdew billi jargumentaw fir-rikors tagħhom li Irakli Khorava ma ppreżenta l-ebda dokumentazzjoni li tagħti xi forma ta' ġustifikazzjoni għal kif huwa wasal għas-somma ta' €230,283.12. Iżidu li tant kemm l-ammont miltub fil-mandat mhux ġustifikat, li fir-rikors maħluf ma ntalbet tiġi likwidata l-ebda ċifra speċifika, iżda ġie mitlub li tkun il-qorti stess li tillikwida l-ammont ta' danni li allegatament ġew imġarrba minn Irakli Khorava. Biex isostnu din il-fehma tagħhom, Johann Said u Blaugrana Ceramics Limited jagħmlu riferenza wkoll għad-digriet mogħti mill-Bord Li Jirregola l-Kera fl-ismijiet, ***Portem***

***Tourism Ventures Ltd v. Edward sive Teddy Calleja et*** fis-6 ta' Settembru, 2021;

16. Din il-qorti tgħid li hija ma taqbilx ma' Johann Said u ma' Blaugrana Ceramics Limited li għaliex Irakli Khorava ma talabx somma speċifika fir-rikors maħluf 1081/2021CFS, allura l-ammont imsemmi minnu fil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju għandu jitqies bilfors bħala wieħed li mhuwiex ġustifikat. Il-fatt li kawża tkun waħda '*da liquidarsi*' ma jżommx lil dak li jkun milli jitlob li jinħareġ mandat ta' sekwestru kawtelatorju (ara ***Anthony Muscat et v. Anthony Nicholl et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Awwissu, 2009);

17. Daqskemm sekwestrant għandu jedd jitlob li jinħareġ mandat ta' sekwestru kawtelatorju meta l-ammont tiegħu jiġi likwidat u speċifikat f'rikors maħluf, daqstant ieħor sekwestrant li ma jillikwidax ammont speċifiku fir-rikors maħluf għandu l-istess jedd li jitlob li jinħareġ mandat ta' sekwestru biex jikkawtela l-pretensjonijiet tiegħu, ħalli b'hekk ma jiġix mikxuf jekk kemm-il darba joħroġ rebbieħ fil-kawża li jkun fetaħ (ara ***Avukat Dr. James Scerri Worley et v. Zorin Properties Limited et*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Diċembru, 2021);

18. Għalhekk il-fatt waħdu li Irakli Khorava fetaħ kawża '*da liquidarsi*' meta huwa kiseb mandat ta' sekwestru kawtelatorju b'somma preċiża, ma jagħmilx b'daqshekk dak il-mandat bħala wieħed li huwa inġust mad-daqqa t'għajn;

19. Johann Said u Blaugrana Ceramics Limited jargumentaw ukoll fir-rikors tagħhom li l-ammont imsemmi fil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju mhuwiex wieħed ġustifikat għaliex dan l-ammont ma joħroġx minn kuntratt ta' appalt li sar bil-miktub;

20. Din ir-raġuni waħidha wkoll ma tistax twassal għat-tneħħija tal-mandat għaliex l-appalt mhuwiex wieħed min dawk il-kuntratti li jeħtieġ li jsir bil-miktub biex ikun jiswa (ara ***Avantgarde Holdings Limited v. Ivan Cassar et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar, 2022);

21. M'hemmx dubju li ftehim bil-miktub jista' jkun ta' għajnuna akbar għall-qorti minħabba li b'qari ta' ftehim bħal dak ikun jista' jwassal lill-qorti tapprezza sewwasew x'ikunu ftehmu l-partijiet (ara ***Joseph Grima et v. Alfred Grech*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Ottubru, 2020). Madankollu n-nuqqas ta' kitba ma jwassalx għall-ineżistenza tal-appalt għaliex kuntratt ta' appalt jista' jsir ukoll bil-fomm (ara ***Joseph Dalli et v. Mediterranean Film Studios Ltd*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Jannar, 2009);

22. Illi fil-każ tagħna, ma jidhirx li hemm nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet, li bejniethom xi darba kien hemm ftehim ta' appalt. Kemm hu hekk, Johann Said u Blaugrana Ceramics Limited jgħidu u ppreżentaw dokumenti fir-rikors tagħhom li huma ħallsu €84,750 lil Irakli Khorava għax-xogħol li kien għamel. Dan il-ħlas, fil-ħsieb tal-qorti juri li bejn il-partijiet kien hemm relazzjoni ta' appalt għaliex huwa naturali li ħadd m'huwa sejjer iħallas flus għalxejn. Minbarra dan, fir-risposta maħlufa li ressqu għar-rikors maħluf ta' Irakli Khorava fil-kawża 1081/2021CFS, Johann Said u Blaugrana Ceramics Limited jaċċettaw li bejn il-partijiet kien hemm rabta ta' appalt (ara paġni 19 sa 20 tal-atti tar-rikors maħluf 1081/2021CFS);

23. Jiġi b'hekk, li Johann Said u Blaugrana Ceramics Limited ma jistgħux jargumentaw li l-mandat kawtelatorju għandu jitneħħa għaliex ma hemmx appalt bil-miktub;

24. Argument ieħor imressaq minn Johann Said u Blaugrana Ceramics Limited għaliex il-mandat għandu jinteħħa huwa minħabba l-fatt li l-ammont ta' €230,283.12 ma ġiex msеddaq b'xi prospett jew kont;

25. Dwar dan il-punt, il-qorti tibda billi tippreċiża li l-liġi ma tgħidx li biex jista' jinħareġ mandat kawtelatorju, is-sekwestrant irid ifisser kif inbena l-ammont li jixtieq jikkawtela bil-ħruġ tal-mandat (ara ***C & F Building Contractors Limited v. Emanuel Farrugia*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Awwissu, 2018);

26. Kif ingħad mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, f'***Karmena Callus et v. Dione Cassar et*** deċiż fil-21 ta' April, 2014,

> *«mkien ma huwa mitlub fil-liġi li l-kreditur eżekutant ta' mandat kawtelatorju irid tabilfors iressaq ukoll xi dokumenti li juru jew isaħħu t-talba. Dak li titlob il-liġi huwa li r-rikorrenti, bil-ġurament tiegħu, jsemmi x'inhu l-oriġini tad-dejn u, ladarba l-pretensjoni hija dwar dejn jew talba li tkun sodisfatta bi ħlas ta' ammont ta' flus, "l-ammont li għalih tammonta t-talba".»* (ara **artikolu 831 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**)

27. M'hemmx għalfejn li min joħroġ mandat joqgħod ifisser fit-tul id-dettal tal-kreditu jew tal-pretensjoni li tkun. Ikun biżżejjed li, fi ftit kliem, jagħti stampa ċara ta' dak il-jedd jew pretensjoni li huwa jkun irid jikkawtela bil-ħruġ tal-mandat li jkun (ara ***M.I.M.S. Supplies Limited v. Ivan Calleja*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Jannar, 2009);

28. Ifisser dan, li kontra dak li jgħidu Johann Said u Blaugrana Ceramics Limited f'dan ir-rikors tagħhom, biex mandat ikun validu m'hemmx għalfejn li s-sekwestrant joqgħod jissostanzja l-ammont li jkun jixtieq jikkawtela b'xi prospetti jew b'xi dokumenti tekniċi oħra. L-importanti huwa li ċ-ċifra li s-sekwestrant jitlob li tiġi kkawtelata bil-mandat tkun waħda li mad-daqqa t'għajn tista' titqies li tkun waħda li taqbel u tagħmel sens man-natura tad-dejn jew tal-pretensjoni msemmija bħala kawżali fil-mandat ta' sekwestru;

29. Kif taraha din il-qorti, dak li m'għandux isir huwa li sekwestrant jivvinta ammont minn żniedu jew jaqbad u jsemmi ċifra bl-addoċċ fil-mandat li tkun għalkollox maqtugħa mir-realtà;

30. Naturalment bla ma tikkummenta wisq fuq il-mertu tat-tilwima li hemm bejn il-partijiet fil-kawża 1081/2021CFS, il-qorti ma tistax f'din il-proċedura teskludi li Irakli Khorava tassew ġarrab danni jekk kemm-il darba huwa jirnexxilu juri fil-kawża li fetaħ, illi huwa ma tħallasx għax-xogħol kollu li laħaq għamel u li huwa tilef il-qligħ minħabba li ma tħallix ikompli l-appalt. Wara kollox, dawn huma suriet ta' danni li l-liġi tagħti lill-appaltatur skont l-**artikolu 1640 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

31. B'żieda ma' dan, kwistjonijiet bħal dawn jeħtieġu bilfors eżami ħafna aktar mirqum, wara li jinstemgħu l-provi u jsiru l-konklużjonijet tekniċi. Ħwejjeġ bħal dawn żgur ma jistgħux isiru f'din il-proċedura marbuta mat-tneħħija ta' mandat kawtelatorju;

32. Ifisser għalhekk, li l-qorti ma tistax tgħid li l-mandat li ntalab minn Irakli Khorava huwa *prima facie* inġustifikat;

33. Il-qorti trid tara issa jekk l-ammont ta' €230,283.12 imsemmi minn Irakli Khorava fil-mandat miksub minnu huwiex wieħed eċċessiv;

34. Biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eċċessiv, jeħtieġ li jintwera li dan ikun esaġerat fid-dawl tat-talba li ssir, jew ikun tant eżaġerat li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t'għajn bħala wieħed magħmul b'mod azzardat (ara ***Marco Bugelli v. Mark Micallef et*** mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Awwissu, 2018);

35. L-istess ingħad fid-digriet ***Noel Bonnici et v. Caruana Constructive Co. Limited*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Awwissu, 2013, «*li biex ammont mitlub f'mandat kawtelatorju jitqies bħala wieħed «eċċessiv», irid jintwera li bejn il-jedd pretiż u l-ammont maħsub li jħares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jistgħux iżewġu ma' xulxin»;*

36. Illi l-qorti trid iżżomm hawnhekk f'moħħha wkoll, illi jekk hija ssib li l-ammont mitlub f'mandat kawtelatorju jkun jidher li huwa xi ftit ogħla minn dak li mad-daqqa t'għajn ikun xieraq, allura s-soluzzjoni m'għandhiex tkun li jitħassar il-mandat kollu kemm hu, imma jekk xejn li jiġi mnaqqas l-ammont sekwestrat (ara ***Salvino Farruġia noe v. Exalco Holdings Ltd*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Diċembru, 1999, ***Casino-For-Me Limited v. Chartwell Games (Malta) Limited*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Awwissu, 2008 u ***C & F Building Contractors Limited v. Emanuel Farrugia*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Awwissu, 2014);

37. Imħaddmin dawn il-prinċipji għall-każ li għandna quddiemna, jirriżulta li l-ammont sekwestrat ta' €230,283.12 ġie maqsum minn Irakli Khorava b'dan il-mod: (i) €90,283.12 għal xogħlijiet imwettqa li huwa qed jgħid li fadallu jitħallas tagħhom; u (ii) €140,000 għal telf ta' qligħ li kien jagħmel fuq l-appalt li kieku huwa tħalla jlestih kollu;

38. Il-qorti qiegħda tifhem li l-ammont ta' €90,283.12 huwa l-bilanċ, li Irakli Khorava qed jgħid li fadallu jitħallas mill-kont ta' €172,733.12 għax-xogħlijiet imwettqa minnu, li huwa ħareġ lil Johann Said u lil Blaugrana Ceramics Limited fil-15 ta' Marzu, 2021 (ara paġna 15 tal-atti tar-rikors maħluf 1081/2021CFS);

39. Min-naħa tagħhom, Johann Said u lil Blaugrana Ceramics Limited jgħidu li dan l-allegat bilanċ ta' €90,283.12 ma jaqbilx ma' ittri legali preċedenti li ntbagħtu mill-avukat ta' Irakli Khorava, fejn l-ammont mitlub kien ta' madwar €25,000 inqas;

40. Għalkemm dak li jgħidu Johann Said u Blaugrana Ceramics Limited huwa minnu, il-qorti tosserva: (i) li waħda minn dawn l-ittri mhijiex datata u għalhekk jista' jkun li din l-ittra tirreferi għal xogħlijiet li ma jidħlux fil-kont tal-15 ta' Marzu, 2021; (ii) li ittra oħra ntbagħtet mingħajr preġudizzju u għalhekk din ma tistax tinġieb bħala prova; u (iii) li l-ittra l-oħra ntbagħtet madwar ħames xhur qabel il-kont tal-15 ta' Marzu, 2021 u ma kienx jinkludi fiha t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud. Minbarra dan, is-somma relatata mal-bilanċ ta' €90,283.12 tirrifletti s-somma li ġiet speċifikata fl-ittra uffiċjali li Irakli Khorava bagħat lil Johann Said u lil Blaugrana Ceramics Limited fl-24 ta' Marzu, 2021 (ara paġni 13 u 14 tar-rikors maħluf 1081/2021CFS);

41. Naturalment, il-qorti mhijiex ħa tidħol f'dan l-istadju biex tiddeċiedi jekk dan l-ammont ta' €90,283.12 huwiex tassew dovut jew le. Li tista' tgħid għalissa huwa biss li mill-perspettiva tal-kont tal-15 ta' Marzu. 2021 u tal-ittra uffiċjali tal-24 ta' Marzu, 2021, il-qorti ma tistax tgħid li s-somma ta' €90,283.12 hija waħda eċċessiva;

42. Mhux l-istess però jista' jingħad dwar is-somma ta' €140,000 li Irakli Khorava jgħid li tilef bħala riżultat tal-fatt li huwa ġie mwaqqaf mill-appalt. La fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju u lanqas fl-atti tar-rikors maħluf 1081/2021CFS ma ġie mfisser minn Irakli Khorava fuq liema parti mill-appalt huwa qiegħed jgħid li tilef il-qligħ. Hekk ukoll din il-pretensjoni ta' telf ta' qligħ ma tissemmix fl-ittra uffiċjali tal-24 ta' Marzu, 2021;

43. L-aktar żewġ affarijiet però li kkonvinċew lill-qorti biex tasal għall-fehma li din il-pretensjoni ta' €140,000 ma ħaqqhiex tiġi kawtelata b'mandat ta' sekwestru

huma: (i) li Irakli Khorava ma ppreżenta l-ebda nota u dokumenti skont l-**artikolu 836(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** biex jikkontesta t-talba ta' Johann Said u ta' Blaugrana Ceramics Limited dwar dan il-punt; u (ii) li t-tliet avukati ta' Irakli Khorava li dehru għas-seduta tal-11 ta' Frar, 2022, minkejja li ġew mistoqsija mill-qorti għadd ta' drabi, ma kinux f'qagħda li jispjegaw fil-konkret liema kienu dawk ix-xogħlijiet li kienu jifformaw parti mill-appalt oriġinali li dwarhom Irakli Khorava kien qiegħed jixli li tilef il-qligħ. It-tweġibiet tagħhom f'dan is-sens kienu wisq vagi, tant li huma taw l-impressjoni lill-qorti li lanqas huma stess ma kienu jafu dwar liema huma dawk ix-xogħlijiet li dwarhom Irakli Khorava qed jgħid li tilef il-qligħ;

44. Jista' jkun li Irakli Khorava jirnexxilu jipprova dan it-telf ta' qligħ waqt li tkun qiegħda miexja l-kawża fir-rikors maħluf 1081/2021CFS. Imma għalissa bl-atti u bis-sottomissjonijiet li ġew imressqa quddiemha, il-qorti ma tħossx li ntwera għal-liema xogħlijiet Irakli Khorava qiegħed jippretendi li jikkawtela s-somma ta' €140,000;

45. Il-qorti għalhekk tikkonkludi li għalkemm il-mandat m'għandux jitħassar taħt din il-kawżali tal-**artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, madankollu hemm lok li l-ammont imsemmi fil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1631/2021 jiġi mnaqqas minn €230,283.12 għal €90,283.12;

46. It-**<u>tieni raġuni</u>** msemmija minn Johann Said u Blaugrana Ceramics Limited għaliex għandu jitħassar il-mandat hija msejsa fuq l-**artikolu 836(1)(ċ) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, li jgħid li mandat kawtelatorju jista' jitneħħa jekk tinġieb garanzija xierqa oħra, li fil-fehma tal-qorti tagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet ta' min ikun talab il-mandat;

47. Huwa miżmum fil-ġurisprudenza li biex il-garanzija titqies bħala waħda tajba, din trid tkun ġejja minn assi jew flus tal-persuna li kontriha jkun inħareġ il-mandat (ara *inter alia* ***Paul Caruana v. Rudolph Gaerty*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti

Ċivili nhar l-10 ta' Settembru, 2009). Ifisser dan, li l-ġid li jkun qiegħed jiġi provdut bħala garanzija jrid ikun wieħed li jkun disponibbli lill-esekutat u mhux ġid li l-esekutat ikun qiegħed igawdi minnu bir-rieda ta' terzi (ara ***Office Technology Ltd v. J.M. Supplies Co. Ltd*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Jannar, 1999);

48. Huwa sewwasew għalhekk li ġie mtenni għadd ta' drabi li l-garanzija alternativa għandha titfittex f'ħaġa tanġibbli fil-patrimonju tal-parti esekutata li tkun disponibbli u mhux fuq sempliċi wegħda jew xi ħaġa li tkun mistennija li sseħħ fil-ġejjieni (ara ***Mario Azzopardi et v. Suzanne Sammut*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Awwissu, 2009 u ***Buz-Dov Developments Ltd v. Gordon Farrugia et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Frar, 2011, fost ħafna oħrajn);

49. Il-piż tal-prova li hemm ġid ieħor li jista' jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tal-esekutant jaqa' biss fuq il-parti li tkun trid tneħħi l-mandat (ara ***Alfred Galea et v. Saviour Pisani*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' April, 2008 u ***Western Company Limited v. Anthony Lia et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Settembru, 2020);

50. L-importanti huwa li l-garanzija trid tkun waħda soda, ċara u li tista' tiġi użata mill-persuna li jkun kiseb il-mandat (ara ***Ranger Company Ltd v. Euro Imports Ltd*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' Frar, 2003 u ***Jamar Malta Limited v. Office Group Limited*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Awwissu, 2012);

51. Illi fil-każ tagħna, il-garanzija alternattiva li qiegħda tiġi provduta minn Johann Said u Blaugrana Ceramics Limited hija garanzija bankarja fis-somma ta' €230,283.12 maħruġa mill-Bank Malta of Valletta plc. Din il-garanzija tista'

tinġibed minn Irakli Khorava jekk kemm-il darba huwa jingħata raġun fil-kawża li huwa fetaħ kontra Johann Said u/jew Blaugrana Ceramics Limited;

52. Fil-fehma tal-qorti, din il-garanzija bankarja hija waħda li wieħed jista' joqgħod fuqha għall-għanijiet tal-**artikolu 836(1)(ċ) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Għalhekk il-qorti ssib li b'din il-garanzija bankarja, Johann Said u Blaugrana Ceramics Limited seħħilhom jġibu raġuni tajba biex jitħassar il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1631/2021;

53. Madankollu, b'rabta ma' dak li ngħad aktar kmieni f'dan id-digriet, billi l-qorti sabet li l-ammont kawtelat minn Irakli Khorava kien wieħed eċċessiv, il-qorti tħoss li huwa xieraq illi Johann Said u Blaugrana Ceramics Limited jiġu mogħtija l-opportunità li huma jneħħu l-mandat minn fuqhom anke jekk jipprovdu garanzija bankarja fl-ammont ta' €90,283.12. Dwar dan il-qorti sejra tipprovdi aktar 'il quddiem fil-parti tad-deċiżjoni finali tagħha;

54. L-**<u>aħħar raġuni</u>** mressqa minn Johann Said u Blaugrana Ceramics Limited, kif mibnija fuq l-**artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, tirkeb fuq il-kawżali ta' qabel;

55. Huwa naturali li ladarba Johann Said u Blaugrana Ceramics Limited seħħilhom juru li ġabu garanzija alternattiva u biżżejjed biex jissodisfaw il-pretensjonijiet ta' Irakli Khorava, allura jsegwi li dawn irnexxilhom ukoll li juru li hemm ċirkostanzi raġonevoli biex il-mandat ma jibqax fis-seħħ skont l-**artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

56. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni ***Tyrell Corporation Limited v. Yirun Europe GmbH et*** tal-14 ta' Jannar, 2021,

> *«il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tat-talbiet tal-intimata eżekutanti»;*

57. Dak li jgħodd biex tista' titħaddem din id-dispożizzjoni huwa li jintwera minn min irid li jitħassar il-mandat, li wara l-ħruġ tal-mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess mandat jibqa' għalkollox jew f'parti minnu fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "*jinżamm*" u "*aktar meħtieġ*" li jinsabu fl-imsemmi **artikolu 836(1)(f)**, liema kliem jagħtu x'jifhmu li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-mandat issa m'għadux il-każ;

58. Fil-każ tagħna, wara l-ħruġ tal-mandat ġiet provduta garanzija bankarja u appuntu minħabba din il-garanzija bankarja, il-mandat mhux raġonevoli li jibqa' fis-seħħ;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, din il-qorti qiegħda tipprovdi dwar ir-rikors ta' Johann Said u ta' Blaugrana Ceramics Limited imressaq fis-7 ta' Diċembru, 2021, billi ssib:

i. li l-ammont imsemmi fil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1631/2021 maħruġ fuq talba ta' Irakli Khorava kien, mad-daqqa t'għajn, wieħed eċċessiv għall-finijiet tal-**artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, b'dana li l-ammont kawtelat kellu jkun ta' €90,283.12 u mhux ta' €230,283.12; u

ii. li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1631/2021 għandu jiġi mħassar għall-finijiet tal-**artikolu 836(1)(ċ)** u **(f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** minħabba li ġiet provduta garanzija alternattiva għall-pretensjonijiet ta' Irakli Khorava fil-forma ta' garanzija bankarja fl-istess ammont imsemmi fil-mandat;

Madankollu peress illi nstab li l-ammont kawtelat minn Irakli Khorava kien wieħed eċċessiv, il-qorti qiegħda tordna li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1631/2021 għandu jitħassar ukoll jekk kemm-il darba Johann Said u Blaugrana Ceramics Limited, fi żmien ta' xahar mid-data ta' dan id-digriet, jipprovdu lil Irakli Khorava l-istess forma ta' garanzija bankarja iżda bl-ammont ta' €90,283.12 minflok bl-ammont ta' €230,283.12;

Fl-aħħar nett, il-qorti tordna li fuq il-kejl ta' kemm instab li kien eċċessiv il-mandat, l-ispejjeż kollha marbuta ma' din il-proċedura għandhom jitħallsu hekk: erbgħin fil-mija tagħhom (40%) għandhom jitħallsu minn Johann Said u Blaugrana Ceramics Limited flimkien u solidalment bejniethom, filwaqt li s-sittin fil-mija (60%) li jifdal għandhom jitħallsu minn Irakli Khorava.

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**